# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Marzu 2020**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Guramentat Numru:- 1206/2019 JVC**

**Pilar Helen Upchurch**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Pilar Helen Upchurch ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti twieldet gewwa Malta nhar is-sbatax t'Awwissu tas-sena elf, disa' mija u tlieta u erbghin (17.08.1943) u inghatat l-isem ta' Helen Buttigieg (Dok A anness);

2. Illi hi zzewget lil certu Ronald Ernest Gentry, mil-liema hi sseparat u anke ddivorzjat, u sussegwentement regghet izzewget, did-darba lil Ronnie Wayne Upchurch nhar id-disgha ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u tmienja u tmenin (09.09.1988) gewwa Virginia, fl-Istati Uniti (Dok B anness);

3. Illi sussegwentement u cioe` fit-tlettax ta' Lulju tas-sena elf, disa' mija u erbgha u disghin (13.07.1994) b'decizjoni tal-Qorti Amerikana, l-esponenti biddlet isimha ghal Pilar Helen Upchurch (Dok C) u minn dak iz-zmien sal-lum kienet dejjem maghrufa b'dan l-isem, kif del resto anke jirrizulta mic-certifikat ta' cittadinanza (Dok D) u anke mill-passaport (Dok E), entrambi mahruga mill-Istati Uniti tal-Amerika;

4. Illi ghaldaqstant, kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi, l-esponenti ilha sa mis-sena 1994 maghrufa bl-isem Pilar Helen Upchurch; tant li anke fir-registru elettorali lokali, hija tidher bhala 'Pilar Helen Upchurch' (Dok F);

5. Illi madanakollu, il-karta tal-identita' Maltija taghha u l-passaport Malti (Dok G) ghadhom qed jaqraw bhala Helen Upchurch; liema fatt qed jikkawza konfuzjoni;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara li l-isem korrett tar-rikorrenti huwa "Pilar Helen Upchurch";

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid, taz-zwieg u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jigi indikat u

tkun maghrufa bhala "Pilar Helen Upchurch", kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet f'isem ir-rikorrenti kull fejn jirrizulta u ikun hemm l-htiega.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

2. Illi fil-kaz odjern, l-esponent jirrileva illi l-attrici twieldet gewwa Malta, u l-Att tat-Twelid taghha jnsab hawn anness u mmarkat 'Dok. DRP 1'. Sussegwentament, l-attrici zzewget gewwa Malta lil Ronald Ernest Gentry, liema Att taz-Zwieg jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2'. Madanakollu, dan iz-zwieg intemm permezz ta' divorzju li gie ppronunzjat mill-Qorti Awstraljana, liema divorzju gie registrat gewwa Malta, hekk kif jixhed l-istess Att taz-Zwieg hawn imsemmi. Konsegwentament, l-attrici izzewget ghal darb' ohra fis-sena 1988 lil Ronnie Wayne Upchurch gewwa l-Istati Uniti tal-Amerika, liema zwieg qatt ma gie registrat gewwa Malta;

3. Illi maghdud mal-premess, l-esponent jirrileva illi l-attrici fis-sena 1994 permezz ta' Ordni ta' Qorti barranija, ghazlet li tbiddel isimha minn 'Helen Upchurch' ghal 'Pilar Helen Upchurch', liema ordi giet annessa mar-rikors guramentat u mmarkata bhala 'Dok C'. Fil-fatt l-attrici ghandha passaport Amerikan li jikkorrabora din l-identita' gdida tal-attrici.

Ghaldaqstant, l-attrici tixtieq illi tali bidla tigi ukoll riflessa fl-Atti tal-Istat Civili Maltin;

4. Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jirrileva li ghaldaqstant ma jirrizultax li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent stess;

5. Illi fid-dawl ta' dan, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. Illi finalment u dan minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat:**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat fosthom il-'petition' sabiex ir-rikorrenti tibdel isimha ghal "Pilar Helen Upchurch" illi tidher li giet milqugha mill-Qorti ta' l-Istat Uniti permezz ta' decizjoni li ggib id-data 13 ta' Lulju elf disa' mija erba' u disghin (1994);

Rat in-nota bid-dokumentazzjoni kollha annessa;

Ikkonfermat illi anke f'dokumenti ufficjali gewwa l-Gzejjer Maltin ir-rikorrenti gja hija maghrufa bl-isem ta' "Pilar Helen Upchurch";

Rat l-affidavit esebit illum stess tar-rikorrenti;

Fic-cirkostanzi kif esposti fl-atti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni a fol. 41 tal-process;

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti ser taghddi sabiex taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem korrett tar-rikorrenti huwa "Pilar Helen Upchurch";

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jsiru korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru 5217 tas-sena elf disa' mija tlieta u erbghin (1943) esebita a fol. 38 tal-process u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jigi indikat u jkun maghruf bhala "Pilar Helen Upchurch", kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet f'isem ir-rikorrenti kull fejn jirrizulta u ikun hemm il-htiega fl-atti fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti;

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**3 ta' Marzu 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Marzu 2020**